Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,871, 3 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 160 tal-2022

ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI
(KAP. 33)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 33.03.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira "abitat" tar-regolament 2 tar-regolamenti principali għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "bjut" tfisser l-parti ta' fuq nett tal-istruttura li tkun permanenti jew temporanja, ċċertifikata minn qabel minn espert kwalifikat biex joħroġ dik iċ-ċertifikazzjoni bħala struttura adatta biex minn fuqha jinħarqu xogħlijiet tan-nar ta' dak it-tip, u taħt dawk il-kondizzjonijiet illi l-imsemmija espert jista' jiddetermina fid-diskrezzjoni tiegħu;".